MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 85/2006

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-7 ta' Marzu, 2006 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw iż-żwieġ tagħhom fit-3 ta' Settembru, 1988 (*Vide* Dok. "A");

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu tlett (3) itfal li huma lkoll minuri;

3. Illi dan iż-żwieġ tfarrak irrimedjabbilment minħabba adulterju, eċċessi, sevizzi, inġurji gravi u vjolenza da parti tal-konvenut u dan kif jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi r-rikorrenti ġiet awtorizzata sabiex tipproċedi b'din il-kawża b'digriet numru 327/05 (*Vide* Dok. "B") mogħti mill-Qorti Ċivli (Sezzjoni tal-Familja) wara li l-proċess ta' medjazzjoni ma wassalx għal separazzjoni bonarja;

5. Illi l-intimat ġia' telaq mid-dar matrimonjali f'Novembru 2005 u dan in vista tal-fatt ukoll illi d-dar matrimonjali in kwistjoni hija proprjeta' ta' omm ir-rikorrenti;

Jgħid għalhekk l-intimat il-għaliex ma għandhiex dina l-Onorabbli Qorti prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni meħtieġa u opportuna, u għar-raġunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi u dan minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat kif fuq spjegat;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentari stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti, liema retta alimentari għandha tiżdied kull sena skond l-indiċi ta' l-għoli tal-ħajja;

3. Tafda l-kura u kustodja tat-tlett (3) itfal minuri f'idejn ir-rikorrenti A u takkorda aċċess għall-istess minuri a favur ir-raġel;

4. Tordna lill-intimat sabiex imantni lit-tlett (3) itfal minuri

u għal dan l-iskop tiffissa retta alimentarja u tordna lill-intimat sabiex iħallas dik ir-retta alimentari hekk stabbilita, b'dawk il-modalitajiet kollha inkluż li l-pagament isir permezz ta' *standing order* li l-intimat għandu jiġi ordnat li jagħmel a favur tar-rikorrenti, kif ukoll li din ir-retta alimentarja tiġi inkrementata perjodikament sabiex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja.

5. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte ta' l-artikoli 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluża l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mill-attriċi.

6. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali u tassenja porzjon lir-rikorrenti u porzjn lill-intimat *ope sententium*, filwaqt li tinnomina nutar sabiex jirċievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċja tal-konvenut fuq l-istess att.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata u kwindi huwa kontumaċji skond il-liġi.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits ta' l-attriċi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ġunju, 2006 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawża ta' separazzjoni fejn l-attriċi qed titlob id-dikjarazzjoni ta' separazzjoni minn ma' żewġha flimkien mas-soliti talbiet. Il-kontendenti għandhom tlett itfal li għadhom minuri. Mill-provi jirriżultaw ampjament il-lanjanzi tal-attriċi u l-Qorti mhux talli tagħtiha raġun iżda tissimpatizza magħha. Il-konvenut abbanduna lill-attriċi u l-uliedhom mingħajr ebda raġuni; telaq mid-dar fis-26 ta' Novembru, 2005 u qatt ma mar lura.

L-attriċi ma għandhiex ideja preċiża dwar il-qligħ tal-konvenut ħlief li taf li jaħdem u meta kienu jgħixu flimkien kien jagħtiha tmenin Lira Maltin (Lm80) fil-ġimgħa. F'dan ir-rigward il-Qorti fl-istadju ta' medjazzjoni ġie akkordat manteniment komplessiv ta' mija u disgħin Lira Maltin (Lm190) fix-xahar li pero' sa issa l-konvenut qatt ma ħallas. Fir-rigward ta' proprjeta' jidher li ma hemm xejn sostanzjali u l-attriċi tgħix f'post li huwa proprjeta' ta' ommha.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għalhekk;**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'tort esklussiv tal-konvenut;**

**2. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mija u għoxrin Lira Maltin (Lm120) fix-xahar bħala manteniment għaliha;**

**3. taffida l-kura kustodja tal-istess minuri f'idejn l-attriċi;**

**4. tikkundanna lill-konvenut iħallas manteniment ta' disgħin Lira Maltin (Lm90) fix-xahar għall-minuri, maqsumin fi tletin Lira Maltin (Lm30) għal kull wieħed u waħda;**

**5. tapplika fil-konfront tal-konvenut id-disposizzjonijiet tal-artiklu 48 tal-Kap. 16 kollha u tiddikjara li l-konvenut abbanduna lill-attriċi fis-26 ta' Novembru, 2005 ai termini tas-sub-inċiż (1) (c) tal-istess artikolu;**

**6. tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn l-attriċi u żewġha u tassenja lil kull parti l-oġġetti mobiljari fil-pussess tagħhom illum; iżda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------